Verżjoni Elettronika

A.L. 9 tal-2023

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME
(KAP. 123)

Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Trasferimenti ta' Proprjetà (Tpaċija ta' Arretrati ta' Taxxa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Trasferimenti ta' Proprjetà (Tpaċija ta' Arretrati ta' Taxxa) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Trasferimenti ta' Proprjetà (Tpaċija ta' Arretrati ta' Taxxa), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regoli prinċipali". L.S. 123.202.

Temenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

2. Fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (ċ) tas-subregola (1) tar-regola 5 tar-regoli prinċipali, il-kliem "tliet xhur wara d-data ta' dak it-trasferiment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħmistax (15)-il xahar wara d-data tal-imsemmi trasferiment iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2023".